MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2005

Citazzjoni Numru. 53/2001/1

Joseph Cardona

vs

Direttur ghall-Progetti u Zvilupp fil-Minsteru ghal Ghawdex
u
Malta University Services Co. Limited

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni  ta’ l-attur fejn jippremetti:

Illi fit-8 ta’ Marzu 2001 u fil-jiem ta’ qabel il-konvenuti jew nies minnhom inkarigati kienu qeghdin jesegwixxu xoghlijiet ta’ thaffir (drilling) u skavazzjoni f’diversi postijiet fir-Rabat, Ghawdex, specifikament fiz-zona ta’ madwar il-parkegg tar-Rabat;

Illi f'dan ix-xoghol l-konvenuti kienu qed juzaw ghadd ta' ilma li kien jigi supplit lilhom permezz ta' bowsers, liema ilma wara li kien jintuza, u meta kien ikun kollu tajn u camur, kien jithalla jiskula ghall-ghonq it-triq, b'perikolu ghan-nies u vetturi minhabba z-zlieq li kien qed johloq dan l-ilma mahmug;

Illi nhar it-8 ta' Marzu tas-sena 2001 il-konvenut kien ghaddej bil-motor cycle (lambretta) tieghu minn Triq Fortunato Mizzi li fil-parti tal-karreggjata fejn kien qed isuq l-attur kienet mimlija b'dan l-ilma bit-tajn, mormi mill-konvenut jew dawk minnhom inkarigati, b'mod illi dan l-ilma ma setax jigi skapulat;

Illi minhabba dan l-ilma bit-tajn u camur, l-attur skiddja bil-vettura tieghu, kawza ta' liema incident huwa sofra ghadd ta' griehi u kien anka ghal certa hin f'sitwazzjoni kritika. Whud minn dawn il-griehi huma ta' natura permanenti.

Illi minhabba dan l-incident li ghalih jahtu unikament l-konvenuti jew dawk minnhom inkarigati, l-attur sofra danni sostanzjali konsistenti f'danni emergenti kif ukoll lukri cessanti;

Illi l-attur irid li jigi kompensat adegwament ghal dawn id-danni;

Talab ghalhekk ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghall-incident li fih kien involut l-attur imsemmi fuq fil-premessi;

2. tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur kawza ta' l-istess incident;

3. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihalsu dawn id-danni lill-attur;

Bl-ispejjez kollha (inkluza VAT) nkulzi dawk ta' l-ittra interpellatorja spedita tal-11 ta' Mejju u dawk ta' l-ittra

ufficjali spedita f'April 2000 u bl-ingunzjoni taz-zewgt konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur annessa l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Malta University Services Limited li eccepit:

1. illi fl-ewwel lok, it-talbiet attrici in kwantu diretti kontra s-socjeta' eccipjenti huma intempestivi stante li s-socjeta' eccipjenti ma giet qatt notifikata b'ittri interpellatorji jew b'atti ohra fir-rigward ta' l-incident in kwistjoni qabel ma rceviet l-att tac-citazzjoni fil-kawza odjerna u ghalhekk hija m'ghandha tbati ebda spejjez;

2. illi fil-meritu, l-eccipjenti ma hijiex responsabbli ghall-incident mertu ta' din il-kawza u ghalhekk it-talbiet attrici kif dedotti fil-konfront tas-socjeta' konvenuta ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur;

3. salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta' konvenuta flimkien mal-lista tax-xhieda;

Rat il-verbal tat-2 ta' Ottubru 2001 u d-digriet taghha relattiv fir-rigward in-nota tal-eccezzjonjiet tal-konvenut Direttur ghall-Progetti u Zvilupp fejn ordnat l-isfilz stante li l-eccezzjonijiet gew prezentati barra t-terminu legali;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet inkluza dik prezentata mill-konvenut kontumaci.

Ikkunsidrat:

Din hija kawza fejn l-attur qieghed isaqsi 'danni acquliani' konsegwenza ta' dizabilita li sofra f'incident meta tilef il-kontroll tal-lambretta li kien qieghed isuq u ghal liema incident qieghed izomm lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli. F'dan l-istadju pero' hija din il-kwistjoni tar-responsabbilita' biss li qeghdha tigi investita ghaliex fuqha jiddependi l-ezitu tal-kawza li naturalment titkompla fuq il-kwistjoni tal-likwidazzjoni f'kaz ta' ezitu posittiv ghall-attur; fl-oppost tieqaf u ssib l-ezitu naturali u logiku taghha.

Issa ghandu jkun pacifiku li kien jispetta lill-attur li jipprova, jekk xejn fuq bazi tal-probabbli, r-responsabilita' fil-konvenuti jew min fosthom ghall-incident li sofra. Ghalhekk, ukoll, jinghad, f'dan l-istadju, illi l-prova kienet tispetta lilu anka fil-konfront tal-konvenut kontumaci fejn il-gurisprudenza hija konkordi dwar li l-kontumacja mhix ammissjoni u l-prova ghandha dejjem u f'kull kaz tigi provduta mill-attur. F'din il-parti ta' dan il-gudikat il-Qorti mhux ser titratta l-kwistjoni tal-kapitoli pprezentati mill-attur kontra l-istess konvenut kontumaci, liema punt ser titrattah aktar ' il quddiem f'dan il-gudikat.

Intant, l-attur qieghed permezz ta' dina l-kawza, jsostni, li l-incident li sofra, kien kagun ta' ilma li nizel f'Triq ir-Repubblika fil-kors u konsegwenza diretta ta' xoghol li kien qieghed isir fl-arja tal-'bus terminus' ir-Rabat, Victoria, Ghawdex. Hu stabbilit mix-xhieda ta' l-attur li l-gurnata li fiha sehh l-incident kienet it-8 ta' Marzu tas-sena 2001 ghall-habta tas-7.30 ta' filghodu. L-attur f'dak il-hin kien mar jixtri l-hobz u kif spjega waqaf quddiem il-furnar f'Triq ir-Repubblika. Fil-kors tax-xhieda tieghu spjega li kien innota wied ta' ilma mahmug jiskula tul it-triq. Attribwixxa dan il-volum ta' ilma ghall-haddiema tal-konvenuti li stqarr li "dik il-habta kienu ta' kuljum ihaffru biex janalizzaw il-materjal ta' taht l-art f'dawk l-inhawi tar-Rabat". Zied, li dik il-gurnata kien bnazzi u ma kintix ghamlet xita. L-incident spjegah b'dawn il-kliem: "meta wasalt quddiem il-forn biex qsamt ghan-naha l-ohra tat-triq ipparkjajt mal-genb ezatt quddiem il-forn… sabiex naghmel dan kelli bil-fors naqsam il-wied li nikkalkula kien madwar erba' piedi wiesa' … barra minn hekk f'parti mill-wied kien hemm ghadira fil-parti tat-triq fejn iz-zebra

crossing (faccata l-iskola sekondarja) li kienet kwazi twassal sa nofs it-triq …. il-hobz ghamiltu fuq il-carrier in-naha ta' wara … startjat il-lambretta u bdejt insuq biex immur lejn id-dar … qsamt l-imsemmi wied li sa dan it-tant kien ghadu ghaddej … li kien mimli tajn u camur, li jizloq hafna … sa m'ghaddejt kont attent hafna u soqt bil-mod … il-wied qsamtu ezatt minn quddiem il-bakery … bdejt miexi fuq art niexfa ghal ftit piedi sa ma ergajt dhalt fl-ilma go dik l-ghadira li semmejt qabel … dik l-ghadira kienet inevitabbli minhabba il-wisgha taghha (kwazi sa nofs it-triq) … minn go din l-ghadira kien ghaddej il-wied … hekk kif kont ser naqbad l-ghadira bdejt insuq kemm kemm nicaqlaq u kont diga' qbadtha meta hassejt il-lambretta hierga minn taht saqajja".

Illi x-xhieda prodotta minnu jikkonfermaw sostanzjalment dawn il-fatti anke fir-rigward id-dinamika ta' l-incident sa fejn dawn ix-xhieda rawh jigri. L-istess xhieda wkoll jirreferu ghax-xoghol ta' thaffir li kien qed isir u ghall-fatt li x-xoghol kien jirrikjedi wkoll l-uzu ta' ilma. Rigward dan l-aspett l-attur ipproduca bhala xhud lill-persuna li kient tissuplixxi l-ilma li stqarr li kien ihalli bowser kull meta kien rikjest minn filghodu ghal habta ta' bejn is-7.30 u t-8.00 u kien jigbru bejn l-4.00 u l-4.30 ta' wara nofs in-nhar ta' dik l-istess gurnata.

Ghalhekk, rikapitolati l-punti saljenti li johorgu mix-xhieda ta' l-attur u dik prodotta minnu jiddistingwu ruhhom dawn il-fatti: li l-incident gara fit-8 ta' Marzu, 2001, kmieni filghodu, f'gurnata bla xita, fejn kien niezel ilma f'ammont li gie deskritt bhala konsiderevoli, kemm f'Triq ir-Repubblika u kemm fi Triq Fortunato Mizzi li huma prolungament ta' xulxin. Jispikka wkoll il-fatt li l-attur kien qed isuq lambretta u kellu jaqsam 'wied' ilma biex jasal ghal dik il-parti faccata fejn kien hemm il-hanut tal-furnar.

Illi, fuq l-iskorta ta' dan ghandu jsegwi li kien jinkombi fuq l-attur li jiehu dawk il-prekawzjonijiet li kienu rikjesti fic-cirkostanzi tenut kont il-massima *"nemo suam turpitudinem alligere licet"* partikolarment meta jidher mix-xhieda tieghu li kien ben konxju mill-fatt li l-ilma kien imhallat b'camur, materjal li jghid li jizloq, u kwindi, u

konsiderat ukoll il-mezz tat-trasport, li kien ghalih doveruz li jippresta attenzjoni anka minn fejn jew ukoll jekk kellhu, jaqsam.

Illi sfortunatament ghall-attur, bhalikieku dan li ghadu kif intqal ma kienx oneru bizzejjed gravus impost fuqu, irrizulta mix-xhieda mressqa l-oppost ghal dak minnu asserit, cioe’ li l-ilma, li jattribwixxi bhala kawza ghall-incident, kien gej minn xi xoghol li kien qieghed isir mill-konvenuti. Din l-asserzzjoni m’hi imkien soretta mill-provi anzi jirrizulta li f’dak il-jum ta’ l-incident ebda ilma ma ntuza mill-konvenuti. Kwindi tisfuma fix-xejn l-aspettattiva ta’ l-attur stante li l-bazi tal-kawza ma rrizultatx li giet minn attivita’ li kienu qeghdin jaghmlu l-konvenuti u dana sakemm ix-xoghol kien jikkoncerna ma’ l-arja tal-parkegg.

L-attur fil-kors tax-xhieda tieghu semma’ xoghol iehor ta’ thaffir fi Triq ir-Repubblika, mhux konness max-xoghol fuq imsemmi, li jattribwixxi ghall-opera tal-konvenut kontumaci. Anka, hawnhekk, pero’ hi mankanti l-prova tal-kawza prossima, immedjata u diretta bejn dan ix-xoghol u dan il-konvenut kemm ghaliex ma giex pruvat li dan ix-xoghol kien qieghed jaghmlu proprju dan il-konvenut u kemm ukoll ghaliex il-provi fil-generalita’ taghhom huma skarni ghall-ahhar.

Ikkunsidrat:

Illi dwar il-kontumacja tal-konvenut Direttur tal-Progetti u Zvilupp u l-kapitoli pprezentati kontra tieghu l-attur jittrattahom fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu fejn, b’referenza ghall-kontumacja, jghid illi tul l-ammont ta’ seduti li saru dan il-konvenut qatt ma kien prezenti u qatt ma wera interess biex jiddefendi l-kawza jew anka indenja jaghmel semplici kontro-ezami (ara fol.103 10 paragrafu). B’risposta, il-konvenut kontumaci, fin-nota responsiva tieghu, li kellu kull dritt jaghmel, iccita sentenza tal-Onorabbli Qorti, Appell Inferjuri, fl-ismijiet “Fenici Insurance Agency Limited noe vs Paul Stoner et”, deciza fit-22 ta’ Novembru 2002, li fiha dik il-Qorti rribadiet il-principji stabbiliti fil-gurisprudenza illi l-kontumacja ma

setghetx titqies bhala ammissjoni tat-talba u lanqas ma setghet tfisser li b'daqshekk il-konvenut abbanduna kull eccezzjoni li setgha jaghti fil-kawza. Kellu, kwindi, kompliet dik il-Qorti li jsir ezami da parti tal-gudikant tal-provi in gustifikazzjoni tat-talba ndipendentement mill-kontumacja.

Illi in kwantu ghall-kapitoli prezentati mill-attur fil-konfront tal-konvenut kontumaci fit-termini kif jirrizulta a folio 68, din il-Qorti, fuq skorta ta' gurisprudenza, hi tal-fehma li l-istess kapitoli xorta kellhom jigu nkwadrati fil-provi li kienu sa allura jezistu fl-atti, jigifieri sal-hin meta saru l-kapitoli, u elokwenti f'dan il-kuntest hi s-sentenza ta' l-*Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza "James Trapani et v Vincent Cilia" deciza fit-28 ta' April 2000 u riportata Vol. LXXXIV.ii.68 fejn gie citat bran minn sentenza riportata Vol XXV.i.1126 li rriteniet li l-konfessjoni naxxenti mill-kapitoli hija biss prezunta li tista' tikkostitwixxi l-prova unika u nkonklussa fil-kaz biss li ma jkunx hemm provi ohra 'dalle quali possa essere indebolito il-valore".*

F'dik l-istess sentenza dik il-Qorti kienet hekk spjegat, li "dan ifisser illi nonostante n-nuqqas tas-subent illi jipprezenta ruhu l-Qorti biex jirrispondi ghall-kapitoli maghmula kontra tieghu, f'liema eventwalita' l-kapitoli kellhom jitqiesu konfessati u li jaghmlu prova tal-kontenut taghhom, il-Qorti xorta kellha qabel tifforma l-gudizzju, tikkonduci ezami ta' dik il-prova, fid-dawl ta' provi ohra li setghu jkunu diga' gew prodotti quddiemha u dana qabel ma tghaddi ghad-decizjoni taghha. Hu naturali illi jekk is-subizzjoni tintalab fl-ewwel smigh tal-kawza, ic-cirkostanzi jistghu jkunu tali li l-ebda prova ma tkun giet sa dak il-hin prodotta u konsegwentement il-Qorti jkollha necessarjament tiddeciedi l-kawza fuq l-unika prova li tkun saret permezz tas-subizzjoni. Differenti jkun il-kaz fejn is-subizzjoni tintalab fil-kors tat-trattazzjoni wara li l-istadju tal-provi jkun diga' inoltra ruhu, jkunu ddeponew diversi xhieda u gew prodotti dokumenti in sostenn tat-talbiet jew l-eccezzjonijiet. F'din it-tieni eventwalita' mhux korrett li jintlahaq b'mod assjomatiku 'il-konvenut ma rrispondiex ghall-kapitolu u ghalhekk it-talbiet gew mistqarra'. Ikun se mai gie mistqarr il-fatt li l-prova tieghu tkun trid ssir skond

id-domandi fil-kapitoli. Il-Qorti kellha wkoll tindaga jekk tali stqarrija kinitx zmentita b'mod konvincenti mill-provi l-ohra li jkunu lahqu gew prodotti".

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti dan jirrispekkja perfettament fl-indoli ta' din il-kawza tali li bil-kapitoli b'kollox il-provi ma jwasslux ghar-responsabbilita' tal-konvenuti li ghalhekk ma jistghux jigu ritenuti responsabbli ghall-incident meritu dina l-kawza.

Taqta' u tiddeciedi ghalhekk li tichad t-talbiet ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------